# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru 21**

**Cit. Nru. 2495/2000 GCD**

**Charles Electrical Installations Ltd.**

**Vs**

**Medcast Foundry Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta inkarigat lis-socjeta` attrici tezegwixxi diversi xoghlijiet u tissuplixxi l-materjal necessarju f'Binja Vilhena, Floriana;

Illi s-socjeta` attrici esegwiet fl-intier kompletat fl-intier tieghu l-appalt lilha moghti;

Illi llum is-socjeta` konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta` attrici ghas-somma ta' sebat elef hames mija u tmienja u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm7,548.10) bilanc minn somma akbar versu xoghol ezegwit u materjal provdut (Dokument CEI3);

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex thallas dan id-debitu din baqghet inadempjenti; u

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' sebat elef hames mija u tmienja u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm7,548.10) bilanc minn somma akbar versu xoghol ezegwit u materjal provdut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru Kawtelatorji numri 4002/00, ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru

2000, u ta' l-ittri bonarji tal-11 ta' Awissu 2000 u tat-28 ta' Awissu 2000, u bl-imghax kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Charles Mizzi u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm